Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 62, l-ewwel parti, miżmuma nhar it-Tnejn 22 ta' Ġunju 2018 , ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Anne Marie Fenech Sindku (17.30)
- Daniel Grima Vici Sindku (17.52)
- Graziella Galea Kunsillier (17.30)
- Antoinette Bezzina Kunsillier (17.30)
- Alfred Grima Kunsillier (17.30)
- Stephen Cremona Kunsillier (17.30)
- Dounia Borg Kunsillier (17.30)
- Robert Piscopo Kunsilier (17.50)
- Paul Bugeja Kunsillier (17.30)
- Edward Bugeja Kunsillier (17.30)
- Rodney Galea Kunsillier (17.30)
- Joseph Vella Kunsillier (18.00)

Membri Skużati:

- Mandy Buhagiar Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

Il-Laqgħa nfetħet mis-Sindku Anne Fenech.

## 62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Il-Kunsillier Mandy Buhagiar bgħatet imejl li ma setgħetx tattendi għaliex kienet tinsab ma tiflahx

## 62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Emendi Minuti 53

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li f'paġna 4**:** Item 53.5.3 - mit-tieni sentenza li tibda "Il-kumpanija tal-Blue Water" jitħassru l-kliem 'kif ukoll għandhom jitħallsu" u minflokhom tidħol il-kelma 'inkluż' biex is-sentenza tiġi taqra hekk:

"*Il-kumpanija tal-Blue Water offriet donazzjoni ta' 30,000 Euro inkluż kwalunkwe arretrati ta' ċens, spejjeż ta' manutenzjoni, spejjeż in konnessjoni mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt kif ukoll kwalunkwe poloz ta' assikurazzjoni li jista' jkun hemm dovuti u kwalunkwe spejjeż li jista' jkun hemm pendenti".*

Paġna 5: isfel nett fil-Vot, jitneħħew is-segwenti kliem 'li jitniżżlu il-lista ta' toroq'

Paġna 5: Il-Kunsillier Graziella Galea talbet li ssir korrezzjoni fl-ewwel sentenza ta' paragrafu 47.5 minflok tinqara 'Is- Sindku ressqet proposta'

Il-Kunsillier Alfred Grima Paġna 6**:** Item 49.1: Tiżdied il-kelma 'Alfred' bejn il-kliem "*Sur* u *Grima*".

Pagna 9: Item 49.2 Il-Kunsillier Graziella Galea irrimarkat li paragrafu 6 – point of order, l-emenda mhix tajba.

Paġna 11: Item 53.3.3 Public Convenience: Fl-ewwel sentenza jitħassru l-kliem "tintaqa mal-kuntranttur għax riet " u minflok jiżdiedu "tiltaqa mal-kuntrattur għax riedet"

Paġna 12: Item 53.3.3 Il-Kunsillier Alfred Grima rrimarka li item Public Convenience: Fl-ewwel sentenza wara l-kliem "raġunijiet tal-Kunsill" jiżdiedu "ma saru".

Paġna 12: Item 53.3.3 Il-Kunsillier Graziella Galea ġibdet l-attenzjoni li s-sentenza 'latrini jingħalqu b'ordni tas-Segretarju u s-Sindku għanda tinqara 'latrini jingħalqu b'ordni tas-Segretarju'

Paġna 13: Item 53.3.4.1 Il-Kunsillier Alfred Grima tenna li f'item Għaqal fid-Dar: Fit-2 paragrafu titneħħa l-kelma "madwar €40" u jidħlu l-kliem "total ta' €40"

Paġna 13: Item 53.3.4.2 Il-Kunsillier Alfred Grima rrimarka li f'item Lifelong Learning: Wara l-kliem "jsiru l-korsijiet" jiżdied "sena 2018/2019"

Pagna 15: Item 53.3.4.2 Il-Kunsillier Graziella Galea

17:52 pm Il-Kunsillier Daniel Grima daħal għal-laqgha

Paġna 17: Item 53.5.2 Il-Kunsillier Graziella Galea rrimarkat li minflok agreement kien hemm letter of acceptance minn WSC fuq it-toroq li ser isiru.

Paġna 18: Patching Intensiv - titneħħa l-kelma "hu" wara l-kliem "Alfred Grima rrimarka li ser jkun" u tidħol il-kelma "Bord".

Minuti Laqgħa 53(II) Approvati
Minuti Laqgħa 54 Approvati

18.00pm Il-Kunsillier Joseph Vella daħal għal-laqgħa.

Minuti Laqgħa 55 Approvati

Minuti Laqgħa 56 Approvati – Emendi : Il-Kunsillier Paul Bugeja sostna li skond il-mozzjoni li kienet saret waqt din il-laqgħa m'għandux jitwassal l-elettriku 3 phase għax m'hemmx bżonnha għalhekk terġa tingħalaq it-trinka u lanqas m'għandu jitwassal l-ilma.

Minuti Laqgha 57 Approvati - Emendi Il-Kunsillier Graziella Galea tenniet li f'paġna 6 sentenza għanda tinqara 'tinnota diskrepanza' u titneħħa 'kbira'. Pagna 7 fejn il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa lill-ADSE għanda tinqara 'weġbitu fl-affermattiv'

Minuti 58 Approvati – Emendi f'paġna 5 Ras il- Wied qeda nieqsa. Rodney Galea rrimarka li Qarbuni hemm tnejn minn fejn Scotts u mill-bypass. Ras il-Wied tidħol minn dawn in -naħat ukoll.

_Minuti 59/1 Approvati

Emendi ; Paġna 8: Il-Kunsillier Alfred Grima qal li wara t-3 paragrafu għandu jiżdied l-isem ta' "Mandy Buhagiar" fil-vot.

Emendi Paġna 12: Item 59.3.1 Il-Kunsillier Alfred Grima Il-Ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv. Proposta ta' Alfred Grima approvata. Il-Kunsilliera Graziella Galea awgurat lis-Sinjora Strout f'isem il-Kunsilliera.

Emendi : Paġna 13: Item 59.3.5 - Agreement: Illi l-ewwel żewġ sentenzi jiġu kif segwentament proponuti -
"Il-Kunsillier Alfred Grima sab oġġezzjoni rigward klawsola Nr. 11 fejn il-Kunsill qatt ma ddeċieda li jħallas ukoll għall-adulti u l-anzjani. Apparti li l-kuntratt għandu jkun għal sena biss."

Emendi: Paġna 14: Item 59.3.10 – Il-Kunsillier Alfred Grima rrimarka li għandha tinqata'.

18.24 Il-Kunsillier Robert Piscopo daħal għal-laqgħa.

Emendi Paġna 15: Item 59.3.11 – Il-Kunsillier Alfred Grima sostna li l-korrispondenza Suncrest Hotel hija magħluqa u m'għandhiex terġa' titla.

## Korrezzjoni ta' Minuti 59/2

Emendi:Paġna 2: Item 59.3.11- Il-Kunsillier Alfred Grima staqsa 'Xi titlu tas-suggett?
It-titlu kien Suncrest, avveniment għal 500 persuna

Emendi: Paġna 3: Item 59.3.12.1 Xi titlu tas-suġġett? It-titolu tas–suġġett 'Ex McDonalds'.
L-ewwel parti mis-sentenza li tibda "*Il-Kunsillier Alfred Grima ġibed*" għanda tiġi taqra hekk kif ġej;

"Il-Kunsillier Alfred Grima ġibed l-attenzjoni għall-imejl, fejn sostna li għandu jħallas bħal ħaddieħor, apparti li daqt se jagħlaq partijiet oħra meta għadhom ma ħarġux il-permessi neċessarji"

Fl-istess paragrafu titneħħa kompletament is-sentenza segwenti: "Il-Kunsillier Alfred Grima kompla jgħid li bgħat imejl fuq ix-xogħol tiegħu."

Emendi: Paġna 7 Item 59.6.6: Il-Kunsillier Alfred Grima sostna li f'sentenza 3, titneħħa l-kelma "qabilx" u tiżdied minflok il-kelma "żammx"

## Minuti 60 Approvati

## Minuti 61 Approvati isiru Emendi

Emendi: Paġna 2 Il-Kunsillier Alfred Grima rrimarka li t-tieni paragrafu għandu jinqara ' Alfred Grima fakkar fil-laqgħa numru 39'

Il-Kunsillier Paul Bugeja sostna li fil-laqgħa 39 il-maġġoranza tal-Kunsilliera kienu qablu mal-iżvilupp tal-petrol station iżda l-Kunsilliera Mandy Buhagiar kellha titlaq mil-laqgħa u kellu jittieħed il-casting vote mis-Sindku Graziella Galea.

Emendi: Paġna 3 Il-Kunsillier Alfred Grima rrimarka li l-kelma 'sakemm' tinqata'

Emendi: Paġna 4 Il-Kunsilliera Graziella Galea

62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku qrat korrispondenza mingħand is-Sur Raymond Pule', li dan jixtieq jagħmel xogħol volontarju mal-Kunsill Lokali.

Offra li jagħti servizz billi jirrispondi t-telefown fost servizzi oħrajn.

Il-Kunsillier Robert Piscopo qal li dan għandu jintrabat bil-konfidenzjalita'.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li s-Sur Pule' għandu jkun taħt ir-responsabbilta' tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill approva.

18.56 – Il-Kunsillier Dounia Borg irritornat għal-laqgħa.

18.58 - Il-Kunsillier Edward Bugeja ħareġ mil-laqgħa.

- Is-Sindku qrat korrispondenza mingħand Missio rigward attivita' li jixtiequ jwettqu fil-pjazza ta' Buġibba.

  Kien hemm qbil unanimu għal din l-attivita'.

18.59 - Il-Kunsillier Edward Bugeja rritorna għal-laqgħa.

- Is-Sindku qrat korrispondenzi rigward l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.

Il-laqgħa ġiet sospiża sakemm inqraw l-ismijiet tal-applikanti, minħabba li dawn għandhom inqas minn 18-il sena.
Il-Kunsill approva l-ħatra tal-Ambaxxatur taz-zgħazagħ.

Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Robert Piscopo biex iqum minn mal-mejda minħabba li kienet ser taqra korrispondenza mingħandu, barra minn Kunsillier.

Il-Kunsillier Alfred Grima sostna li s-Sindku ma tistax titlob lill-Kunsillier Piscopo biex jitlaq mil-laqgħa, iżda ssaqsieh jekk hemmx kunflitt t' interess.

19.03 - Il-Kunsillier Robert Piscopo ħareġ mil-laqgħa.

- Is-Sindku qrat ittra mingħand l-Avukat Robert Piscopo, li bgħat f'isem ir-residenti tal-Wardija, rigward storbju u nkonvenjent li jinħoloq għar-residenti waqt tiġijiet li jinżammu f'lokazzjonijiet fil-viċin.

  Il-Kunsillier Paul Bugeja talab li tiġi sospiża l-laqgħa sakemm l-Avukat Piscopo jispjega din il-korrispondenza.

  19.04 – bdiet is-sospensjoni tal-laqgħa

  19.06 – reġgħet kompliet il-laqgħa

  Il-Kunsilliera Paul Bugeja u Alfred Grima qalu li għandu jiddeċiedi l-Kunsill mhux l-Avukat x'għandu jsir, minħabba li din kienet ilment mingħand ir-residenti.

  Il-Kunsillier Paul Bugeja sostna li għandha tkun infurzata l-liġi u l-*venues* jimxu skont il-permessi li għandhom.

  Il-Kunsillier Rodney Galea rrimarka li l-infurzar ta' kemm in-nar tal-ajru kif ukoll is-sala, jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tal-Pulizija.

  Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li t-triq m'għandhiex tiġi mblukkata bil-karozzi tal-mistednin tat-tiġijiet.

Il-Kunsillier Rodney Galea qal li jekk xi ħadd jipparkja fit-triq, dan ikun kopert bil-liċenzja.

Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li l-mistednin jistgħu jipparkjaw fejn iridu.

Il-Kunsillier Alfred Grima ressaq 2 punti;

1. Jaqbel kompletament ma' dak li qal il-Kunsillier Paul Bugeja.
2. Ma jaqbilx ma' dak li qalet il-Kunsillier Graziella Galea rigward parking, għax dan għandhom jarawh il-Pulizija.

19.10 – Il-Kunsillier Robert Piscopo rritorna għal-laqgħa.

Il-Kunsillier Graziella Galea xtaqet tikkjarifika li l-Kunsill ma jistax jara kull karozza għandhiex il-permessi neċessarji.

Il-Kunsillier Robert Piscopo qal li l-Kunsill irid jara x'risposta ser jgħati.

Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu jara li hemm il-permessi kollha neċessarji u jiġu nfurzati l-liġijiet. Kien hemm qbil ma dak li ssuġeriet is-Sindku.

- Is-Sindku qrat korrispondenza rigward is-sitwazzjoni ta' linji sofor fi Triq il-Makku.

Il-Kunsillier Robert Piscopo kellu jibgħat imejl lis-Sindku, li din kienet għadha ma rċevithiex.

Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li l-ewwel darba li tneħħew, kien hemm il-permessi neċessarji u Transport Malta reġgħu għamluhom.

Transport Malta qalu lill-Kunsillier Piscopo li dawn il-linji mhumiex skont il-linji gwida. Din il-korrispondenza għandu jibgħatha lill-Kunsill bil-miktub. Il-Kunsillier Alfred Grima tenna 'ma jfissirx li Transport Malta għandom raġun.

Il-Kunsillier Piscopo qal li dawn saru quddiem il-ġar ta' kumpanija, biex dawn ikunu jistgħu jdaħħlu l-vetturi tagħhom.

Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li l-laqgħa tista timxi għall-punt li jmiss, jekk dan il-punt ser jerġa jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

Is-Sindku qalet li għandna nistennew il-korrispondenza ta' Transport Malta.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li din m'għandhiex għalfejn tiġi diskussa f'laqgħa oħra. Triq il-Fekruna, iż-żewġ naħat tat-triq hemm linji sofor, biex ikunu jistgħu jgħaddu d-dgħajjes.

- Korrispondenza mingħand il-Kumitat tal-festa u l-Għaqda Mużikali.

Talbu €950 li jkopru l-ispejjeż tal-attivita'.

S-Segretarju Eżekuttiv ressqet punt illi biex ikun possibbli li l-Kunsill jagħti dawn il-fondi, l-attivita' trid tkun organizzata mill-Kunsill Lokali b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet.

Il-Kunsillier Joseph Vella qal li l-Kunsill għandu jikteb lill-kumitati li hemm bżonn li jinbidlu l-kliem fit-talbiet tagħhom. Kien hemm qbil.

Ma kienx hemm oġġezzjoni għall-għeluq tat-toroq.

Waqt l-armar tat-toroq, il-Kunsillier Paul Bugeja qal li dawn għandhom ikollhom ċertifikat tas-sigurta.

Meta jsir l-armar fuq il-bankini, għandu jitħalla aċċess għan-nies.

Il-Kunsillier Robert Piscopo ressaq punt, li meta jkun qed isir l-armar tal-festa bil-forklifter, għandu jkun hemm gwardjan biex jidderieġi t-traffiku.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li dan għandu jkun imħallas minnhom.

Fl-ittra tan-No Objection, ikun imniżżel li hemm bżonn ta' gwardjan.

Il-Kunsillier Joseph Vella qal li waqt it-tiżjin ta' Triq il-Mosta, Triq Parades u Triq San Pawl hemm bżonn t' assistenza ta' gwardjan żgur.

Il-Kunsillier Robert Piscopo qal li għandu ikun hemm 'community officers' waqt li qed isir l-armar.

Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li l-permessi tal-Kumitat tal-festa u tal-Għaqda Mużikali, ikunu bla ħlas.

Il-Kunsillier Alfred Grima għamel punt li jekk ser jibqgħu jgħaddu affarijiet għal vot mingħajr pjan, ser jibda jivvota kontra.

Is-Sindku qalet li hemm ftehim għal-ħlas tar-riklam.

Ġew approvati li jitħaffru 4 ħofor ġodda għal 4 arbli tal-festa ġodda.

Il-Kunsillier Joseph Vella ssuġġerixxa li s-Sindku tmur fuq il-post meta dawn it-toqob ikunu qed jitħaffru.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ressaq punt dwar 2 anġli li tpoġġew fuq il-bankina fi Triq San Pawl, b'mod li l-bankina m'għadhiex aċċessibbli. Issuġġerixxa li jew titwessa l-bankina, jew l-anġli joħorġu l'barra.

- Korrispondenza mingħand l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex tiġi organizzata ġurnata għal ġbir t' oġġetti tad-drapp bieb bieb. Din ġiet approvata.
- Hearing – applikajna wara ż-żmien, allura l-Kunsill saqsa biex japplika s-sena d-dieħla. Din ġiet approvata.
- Korrispondenza minn Hospice Malta rigward attivita' open-air b'risq il-karita'. Kien approvat li tintuża parti mill-għalqa li hemm ħdejn il-kontenituri tal-iskart riċiklabbli, Triq il-Port Ruman.
- Korrispondenza rigward il-berġa ta' San Pawl il-Baħar. Sid il-post fejn qiegħdha bħalissa jrid il-post lura u qed jitolbu li jużaw parti mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Paul Bugeja jaqbel li jinstab post min-naħa tal-Kunsill, pero' ma tkunx fil-Kunsill stess.

Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li l-berġa mhix responsabbilta' tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet punt li d-Dipartiment tas-Saħħa huwa responsabbli.

- Korrispondenza rigward il-korsijiet tar-Robotica li ser jinżammu fiċ-ċentru tal-LEAP li jinsab il-Qawra.

  Il-Kunsillier Alfred Grima qal li l-istudenti għandhom jattendu sa 75% tal-kors biex jingħataw il-flus lura. Il-LEAP Centre għandhom jaraw li l-istudenti jattendu.

  Il-Kunsillier Graziella Galea ressqet punt li f'laqgħa preċedenti kien issemma li l-istudenti għandhom iġibu ċertifikat li attendew 75% jew iktar.

  Is-Segretajru Eżekuttiv għaddiet nota li ċ-Ċentru LEAP qalulha li jridu jħallsu assigurazzjoni fost affarijiet oħrajn biex jinżammu dawn il-korsijiet. Il-kompjuters huma propjeta ta' TCTC.

  Is-Sindku kkonkludiet billi tgħid li jrid jintwera ċertifikat t'attendenza biex jitħallsu l-istudenti lura.

- Ittra mill-Qorti u l-Avukat rigward pagament ta' Vella & Sons Water Supplies li għadu pendenti.

  Il-Kunsillier Graziella Galea għaddiet punt li x-xogħolijiet kienu ntalbu bil-fomm u mhux bil-kitba, fi żmien Segretarju Eżekuttiv ieħor, li leħaq telaq mill-Kunsill qabel seta jinħareġ dan il-pagament.

Skont l-informazzjoni tagħha, Vella & Sons m'għandhomx *purchase orders.*

Il-Kunsillier Robert Piscopo ressaq punt li fuq l-iskeda hemm imniżżel '*as per Lawyer's instructions and Court case'* li ma tagħmilx sens.

Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li dawn għandhom jintalbu fattura jew xhieda li sar dan ix-xogħol, pereżempju jkun hemm kuntatt mas-Segretarju preċedenti jew staff tal-Kunsill preżenti li kienu jaħdmu l-Kunsill f'dak iż-żmien.

Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet punt li ma tafx għaliex kont tħalla mingħajr ħlas għal iktar minn 3 snin.

19.47 Il-Kunsillier Stephen Cremona ħareġ mil-laqgħa.

Crafts napplikaw

19.50 Kunsillier Stephen Cremona rritorna fil-laqgħa.

Audit Tabelli

Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill fuq l-Audit ta' tabelli.

Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa lil Malta jew San Pawl il-Baħar?
Il-Kunsillier Alfred Grima rrisponda li aħna biss (San Pawl il-Baħar)

19.51 Is-Sindku Anne Fenech ħarġet mil-laqgħa
19.52 Is-Sindku Anne Fenech irritornat fil-laqgħa

Il-Kunsillier Robert Piscopo staqsa jistgħux jintbagħtu żewġ min-nies

Il-Kunsilliera Graziella Galea sostniet li dawn huma fir-responsabbilta' ta' Transport Malta. Żiedet tgħid li ħafna tabelli ilhom żmien u dejjem intalbet approvazzjoni minn Transport Malta

Il-Kunsillier Alfred Grima ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb il–Bord għax m'hawnx nies biżżejjed sabiex jagħmlu dan ix-xogħol

Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li ma tafx kemm hu f'remit tal-Kunsill
Il-Kunsillier Paul Bugeja qal l-'easy way out' tabelli ġodda sabiex issir 'refreshing'
Il–Kunsillier Alfred Grima rrimarka li riżorsi, *manpower* u fondi m'għandniex. Kien hemm qbil

19.57 Il-Kunsilliera Dounia Borg ħarġet mil-laqgħa.

## Town Twinning

Il–Kunsillier Joseph Vella responsabbli mill-inizzjattiva Town Twinning
Il–Kunsillier Paul Bugeja - jingħataw il–Kunsillier issa jekk hemm bżonn

Il–Kunsillier Paul Bugeja qal li l-Bord tal-Kultura għandu jkun kompost mill-Kunsilliera Edward Bugeja u Joseph Vella u s-Sindku Anne Fenech.

L-Applikazzjoni għal scrapping tal-vann l-abjad
Is-Segretarja Eżekuttiva nfurmat lill-membri tal–Kunsill li l-grants magħluqin, iżda ser napplikaw xorta ghas-sena d-dieħla.

Il-Kunsillier Alfred Grima sostna l-importanza li trid tkun taf x'ħa tixtri. Hu qal li fiż-żmien li Graziella Galea kienet Sindku kien qiegħed fuq il-Bord tal–vetturi ma' xi ħadd ieħor.

It-Talba 'Preaching' ġewwa l-lokalita ta' San Pawl il–Baħar.

Il–Kunsill ma qabilx mat-talba.

## Scouts Qawra

Is-Sindku Anne Fenech qalet li saret talba mill-iScouts biex ikun hemm aċċess għall-intenet f'Kennedy Grove. Ġie ssuġġerit biex is-Segretarja tiċċekkja fuq WiFi 4EU

Is–Sindku Anne Fenech - WignaCourt tawna €5000 until 2020 għal kull sena
Il-Kunsillier Paul Bugeja - għaddiet mill-Bord tal-Attivitajiet

20.08 Il–Kunsillier Joseph Vella hareg mil-laqgħa.

Ittra minn Perit Etienne Magri

20.10 Il-Kunsillier Joseph Vella irritorna fil-kamra

Is–Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kuntrattur Delta Projects riedu jkunu jafu humiex ser jitħallsu għax-xogħolijiet

PC /7706/18 – PA

Il–Kunsilliera Graziella Galea qalet li normalment ikun hemm l-applikazzjoni u siteplan
Il–Kunsillier Alfred Grima oġġezzjona
Il–Kunsilliera Graziella Galea sostniet li ma kinitx taf x'hemm

Sofra Kebab – *extension of pavement*

Ittieħdet deċiżjoni u m'approva ħadd

Il–Kunsilliera Graziella Galea thenniet li jekk ser jintilef il-parking m'għandux isir extension

Il–Kunsillier Alfred Grima qal li hu dejjem kien kontrihom, pero' jekk lil ħaddieħor inħarġilhom permess, dan għaliex le

Il–Kunsillier Robert Piscopo qal li ma jaqbilx

Il-Kunsillier Alfred Grima għal *'extension'* ħadd ma oġġezzjona

Il-Kunsillier Robert Piscopo qal li qatt ma telgħet għal-laqgħa
Il-Kunsillier Paul Bugeja tenna li t-triq hija dejqa u ser jintilfu parkings fi triq maġġuri

20.19 Il-Kunsillier Alfred Grima ħareġ mil-laqgħa

Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li Sofra m'għandux dritt japplika għaliex mhux sid il-post.
Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li d–dokumentazzjoni ppreżentata kienet iffirmata mill-avukat

Is–Sindku Anne Fenech qalet li t-triq dejqa u ma tkunx tista ddur u jintilfu żewġ parkings u ssuġġeriet li ssir onsite inspection

Il-Kunsilliera preżenti oġġezzjonaw għal din il-proposta

20.23 Il-Kunsillier Alfred Grima rritorna fil-laqgħa

Seaview

Is-Sindku spjegat li kienet irċeviet talba mis-Seaview Hotel sabiex isiru zebra crossing temporanji

Il-Kunsill qabel li jingħataw

PA7366/17 Burmarrad Commercials

Il-Kunsill qabel li jattendi  għal laqgħa tas-smiegħ, kif ukoll laqgħa ta' deċizjoni. Il-Kunsill bagħat lill-Kunsillier Robert Piscopo għan-nom tal-Kunsill.

Serena ex Mcdonalds

Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill, li l-Kunsill għandu d-dritt joġġezzjona

62.7 Skeda pagamenti

Is-Sindku Anne Fenech qalet li pagamenti tal–Kunsilliera jridu jiġu approvati l-ewwel. Il-Kunsill approva.

Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li Bonnici and Sons m'għandux jitħallas

Is-Sindku Anne Fenech sostniet li minn 2014 m'għandhomx jittellgħu
Il-Kunsillier Alfred Grima qal li għandhom ikunu highlighted
Il-Kunsillier Joseph Vella rrimarka li l-Accountant għanda tagħti l-informazzjoni li rċevejna l-flus lura

20.43 Il-Kunsillier Rodney Galea ħareġ mil-laqgħa

Il-Kunsillier Robert Piscopo ma jaqbilx mal-ħlas tal-mobile toilets 2014/2015

Item 334a Noel Borg (Christmas Lights) il–Kunsilliera Graziella Galea qalet li kien hemm vot fil-laqgħa tal-aħħar darba

20.44 Il-Kunsillier Rodney Galea rritorna fil-laqgħa

Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa jekk l-Onorarja tal-Kunsilliera hix approvata. Innotta li hemm in-nieqes fl-onorarja, sostna li kollha jieħdu *in full* tal-aħħar sitt xhur. Kompla li f'każ t' emerġenza il-Kunsillier għandu jiġi skużat

Il–laqgħa ġiet aġġornata sabiex titkompla t-tieni parti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 62

Il-laqgħa spiċċat fid-20:50pm

| | |
|---|---|
| <IFFIRMATA> | <IFFIRMATA> |
| ____________________ | ________________________ |
| Anne – Marie Fenech | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |